MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Avviz Numru. 208/2004

**Avviz Nru. 208/04 GG**

**Atlas Insurance Agency Ltd noe et**
**vs**
**Jeffrey Farrugia**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma komplessiva ta’ elfejn, mija u disa u ghoxrin Liri Maltin (Lm2,129) mhallsa mill-attur nomine fuq vettura AAC-751 assikurata comprehensive hlief hamsin lira Maltin (Lm50) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta’ Adelaide Stella Daniels u dan billi fit-28 ta’ Gunju, 2003 go Birkirkara waqt li inti kont qed issuq l-vettura IAB-823 hbatt mal-vettura AAC-751 proprjeta’ ta’ Adelaide Stella Daniels u misjuqa minnha u ghal liema incident inti kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Frar, 2004 u bl-imghax tat-8% fuq Lm2,129 mis-27 ta' Frar, 2004 sal-hlas effettiv u tal-ittra ufficcjali tal-lum, rikjesta mill-Ligi, kontra Citadel Insurance p.l.c assiguraturi tal-konvenut u nkluz Lm15 konsult, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, mija u disa u ghoxrin Liri Maltin (Lm2,129) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta' attrici u bl-imghaxijiet legali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------